# JOGĦĠOB IŻ-ŻGĦIR

MINN

AMANTE BUONTEMPO

Jogħġob iċ-ċkejken fil-hena,
jisraq 'l għajnejja fid-dmugħ;
donnu fiż-żgħir kollox sbejjaħ,
xejn mill-frugħat li jkerrhuh.

Naħseb u ngħarbel u nidħol
f'qalbek, ja ċokon sabiħ:
Għidli: x'isebbħek, x'iżejnek?
X'għandek li jien ma nafx bih?

Żina: l-irġejjen tal-baħar;
ġmiel: il-muntanji fejn skoll;
qoxra ta' lewża wisq isbaħ
tmewweġ u tilgħab mal-moll!

Frotta 'ktar bnina minn siġra,
itwal il-qatra minn wied,
aqwa mil-ljun huwa d-dudu
jehda w iħaxwex fis-skiet.

Għidli, ja żrara ċkejkuna,
X'għandek li l-blata m'għandhiex?
Nitfa ta' bozza qed tnemnem
x'fiha li x-xemx ma fihiex?

Naħseb u ngħarbel u nidħol
f'qalbek, ja ċokon sabiħ:
Għidli, x'isebbħek, x'iżejnek?
X'għandek li jien ma nafx bih?

* *

Minnu li ċ-ċkejken hu ħelu;
minnu li jogħġob iż-żgħir:
jarmi kull żina li tisboq
l-oħla benniena tax-xgħir.

Imma dil-ħlewwa m'hix għaxqa
tinfed is-sider bla semm:
forsi għax taħbi f'żgħoritha
l-ajma tan-niket u l-hemm!



Irfes il-qoxra tal-lewża:
ħares ġo l-Eden bil-ħsieb;
għidli jekk demgħa fuq ħaddek
hix aktar kiefra mill-Wied.

Jieqaf igerrmek id-dudu;
taħraq iż-żrara f'għajnejk:
Oh! jekk hux isbaħ iċ-ċkejken,
staqsi lit-tfajla ta' ħdejk!

* *

Rajthom u bkejt! Tfal għajjiena
bl-itqal tagħbija tad-dnub:
ħrief bla trobbija fil-libsa,
f'moħħom u f'qalbhom ilpup!

Ġens ta' drawwiet mhux magħrufa:
bidu ta' ġlieda mad-Dwal:
Oqbra fil-ħolqa ta' nieqa:
xiaten imlibbsa ta' tfal!

**8/8/1946**

# MILIED 197....

ALFRED MASSA

Xi ħlewwa ta' ilħna,
xi ġmiel ta' mixegħla,
u n-nies daħkana tgħaddi
tagħti l-'Milied it-Tajjeb!'

Mit-tieqa fejn qiegħed
għajnejja ġrew bija.
Fis-sala tad-dar ta' quddiemi

d-dawl qed inemnem
u l-qraba, u l-ħbieb
l-aħħar tislima qed jagħtu
lil wieħed tal-familja.

Illum il-Milied!
Tgħid għal Toni wkoll?
Allaħares le!......